StudentBounty.com

# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

## L-Erbgħa l-1 ta' Ġunju 2011

## Il-Malti: Is-Smigħ

## Ħin: 30 minuta

**NOTA:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, l-għalliema huma mitluba jaqraw dan l-iskript.**

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Merħba tfal!

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma’ żewġ siltiet.

Jekk trid, tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li q
tisma’ l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.

Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 3.

--------------- *Waqfa ta’ 10 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

--------------- *Waqfa ta’ 25 sekonda* ---------------

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

Il-Ġimgħa filgħodu, il-Pulizija, flimkien mal-Uffiċjali mid-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali, għamlu tfittxija ġo maħżen mitluq f’Ħal Bejta u kixfu każ ieħor ta’ moħqrija. Dan il-każ saru jafu bih wara rapport anonimu dwar klieb li kienu qed jinstemgħu jinbħu l-ħin kollu.

Minnufih il-Pulizija u l-Uffiċjali, flimkien ma’ veterinarju, marru fuq il-post u sabu ħamest iklieb tar-razza *Boxer* f’kundizzjonijiet ħżiena. Jidher li dawn il-klieb tħallew mingħajr ilma u ikel, u kienu qed jgħixu f’ambjent maħmuġ mingħajr dawl u arja. Il-Pulizija qed tinterroga lil sid il-maħżen.

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali kkundanna l-moħqrija fuq dawn il-klieb. Huwa qal li għandna nkomplu niġġieldu favur il-ħarsien tal-annimali. Semma wkoll li rridu nkomplu naħdmu fuq il-kwistjoni tal-annimali abbandunati. Huwa temm jgħid li għandha tissaħħaħ il-ħidma kontra atti ta’ krudeltà bħall-ġlied illegali tal-klieb jew l-avvelenar tal-qtates.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan li smajt huwa rapport dwar il-moħqrija tal-klieb. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din **Veru**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Veru**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-każ saru jafu bih il-Ħadd waranofsinhar.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

It-tfittxija saret f'maħżen f'Ħal Bejta.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Wara dan il-każ, il-Pulizija bdew iduru ma' Malta kollha biex ifittxu klieb abbandunati.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-każ ta' moħqrija saru jafu bih minn rapport anonimu.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Instabu ħamsin kelb fil-maħżen.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Ir-rapport sar għax il-klieb...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli...

**... kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Ir-rapport sar għax il-klieb kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Il-Pulizija marru fuq il-post...** |
| Numru tlieta: | **Il-klieb maħqura kienu...** |
| Numru erbgħa: | **Il-Pulizija interrogat...** |
| Numru ħamsa: | **Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali...** |
| Numru sitta: | **Id-Direttur semma diversi atti ta' moħqrija...** |

Issa se naqralek **Kolonna B** :

**…tar-razza *Boxer*.**

**…kkundanna din il-moħqrija.**

**…fosthom l-avvelenar tal-qtates.**

**…kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

**…lil sid il-maħżen.**

**…ma' veterinarju.**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* --------

Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' ti
tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

Il-Ġimgħa filgħodu, il-Pulizija, flimkien mal-Uffiċjali mid-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali, għamlu tfittxija ġo maħżen mitluq f'Ħal Bejta u kixfu każ ieħor ta' moħqrija. Dan il-każ saru jafu bih wara rapport anonimu dwar klieb li kienu qed jinstemgħu jinbħu l-ħin kollu.

Minnufih il-Pulizija u l-Uffiċjali, flimkien ma' veterinarju, marru fuq il-post u sabu ħamest iklieb tar-razza *Boxer* f'kundizzjonijiet ħżiena. Jidher li dawn il-klieb tħallew mingħajr ilma u ikel, u kienu qed jgħixu f'ambjent maħmuġ mingħajr dawl u arja. Il-Pulizija qed tinterroga lil sid il-maħżen.

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali kkundanna l-moħqrija fuq dawn il-klieb. Huwa qal li għandna nkomplu niġġieldu favur il-ħarsien tal-annimali. Semma wkoll li rridu nkomplu naħdmu fuq il-kwistjoni tal-annimali abbandunati. Huwa temm jgħid li għandha tissaħħaħ il-ħidma kontra atti ta' krudeltà bħall-ġlied illegali tal-klieb jew l-avvelenar tal-qtates.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Numru wieħed :**

Dan li smajt huwa rapport dwar il-moħqrija tal-klieb. Veru, Falz jew Ma ssemmi

Din **Veru**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Veru**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-każ saru jafu bih il-Ħadd waranofsinhar.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

It-tfittxija saret f'maħżen f'Ħal Bejta.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Wara dan il-każ, il-Pulizija bdew iduru ma' Malta kollha biex ifittxu klieb abbandunati.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-każ ta' moħqrija saru jafu bih minn rapport anonimu.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Instabu ħamsin kelb fil-maħżen.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Ir-rapport sar għax il-klieb...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli...

**... kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Ir-rapport sar għax il-klieb kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Il-Pulizija marru fuq il-post...** |
| Numru tlieta: | **Il-klieb maħqura kienu...** |
| Numru erbgħa: | **Il-Pulizija interrogat...** |
| Numru ħamsa: | **Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Kura tal-Annimali...** |
| Numru sitta: | **Id-Direttur semma diversi atti ta' moħqrija...** |

Issa se naqralek Kolonna B :

**…tar-razza *Boxer*.**

**…kkundanna din il-moħqrija.**

**…fosthom l-avvelenar tal-qtates.**

**…kienu qed jinbħu l-ħin kollu.**

**…lil sid il-maħżen.**

**…ma' veterinariu.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

--------------- *Waqfa ta' 10  sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**--------------- *Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta* ---------------**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 4 u paġna 5.

--------------- *Waqfa ta' 5 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

--------------- *Waqfa ta' 45 sekonda* ---------------

Issa se naqralek it-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Il-Qari tat-Tieni Silta.**

Wara għoxrin sena xtaqt nerġa' nara r-razzett, mibni f'xifer il-blat li jagħti fuq Wied tal-Isqof, fejn trabbiet ommi. Mort bil-mixi. Jien u sejjer ġibt quddiem għajnejja dan ir-razzett għażiż għalija. Fit-tarf tal-isqaq dejjaq bejn ħitan għoljin tas-sejjieħ, issib quddiemek xatba tal-injam magħluqa b'daqsxejn ta' ganġetta. Xatba bħal qisha tagħtik merħba u tistiednek taqbad u tidħol fil-bitħa tar-razzett.

Il-bitħa ċċangata biċ-ċagħaq; ċagħaq ileqq daqs kemm ħasluh u għorkuh. Iz-zijiet kienu jnaddfu ħafna. Fuq in-naħa tal-lemin, kif nidħol, nara l-bir. Fuq ix-xellug, kamra żgħira sewda bid-duħħan ta' ħafna snin, fejn iz-zija Karmni kienet tqabbad in-nar u ssajjar il-minestra bil-ful tarmi fwieħa ġġagħlek tilgħaq xufftejk.

Fuq il-lemin, kamra oħra żgħira, li tinżel għaliha minn żewġ tarġiet, fejn jinżammu l-għodod tar-raba'. Fuq ix-xellug kamra ikbar b'ħasira tal-qasab quddiem il-bieb. Hawn kienu jorqdu z-zijiet. Kif tidħol tolqtok mill-ewwel riħa ta' ndafa. Is-sodda mifruxa b'kutra magħmula minn suf ta' ħafna lwien, f'forma ta' kaxxi. Mal-ħitan inkwatri u santi, kurċifiss kbir u xbieha tal-Madonna tal-Għar, bi fjamma tiżfen f'tazza biż-żejt.

Kuntent b'dawn it-tifkiriet sbieħ f'moħħi dħalt fl-isqaq, fit-tarf, ksirt fuq ix-xellug u ... f'tarfu ħadt il-qatgħa ta' ħajti. Għax dak ir-razzett ħattewh u bnew dar moderna. Dar li setgħet inbniet fil-qalba tal-belt. Dar bil-bieb jissakkar tajjeb. Dar komda, bla dubju, imma, għedt f'qalbi, fejn marret il-ħajja sempliċi u sabiħa tal-imgħoddi?

Ħassejthom qishom qalgħuli qalbi minn sidri u rmewha.

*Din is-silta kienet adattata minn kitba ta' Kilin, li dehret fir-rivista* Sagħtar.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

| | |
|---|---|
| In-narratur mar | a) sal-Buskett. |
| | b) mixja ħdejn il-baħar. |
| | ċ) jara r-razzett tal-familja tiegħu. |

It-tweġiba t-tajba hija **ċ**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:

**In-narratur mar jara r-razzett tal-familja tiegħu.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

| | |
|---|---|
| In-narratur wasal ir-razzett | a) bil-karozza. |
| | b) bil-mixi. |
| | ċ) bir-rota. |

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

| | |
|---|---|
| Ir-razzett kellu | a) xatba tal-injam magħluqa b'ganġetta. |
| | b) bieb tal-ħadid. |
| | ċ) kanċell iżaqżaq. |

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

| | |
|---|---|
| Il-bitħa kellha ċ-ċagħaq ileqq għax | a) ġabuh minn ħdejn il-baħar. |
| | b) kien miżbugħ apposta. |
| | ċ) iz-zijiet ħasluh u għorkuh ħafna. |

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru ħamsa:**

In-narratur jiftakar liz-zija Karmni ssajjar
a) il-minestra bil-ful.
b) l-ispagetti.
ċ) il-laħam bil-patata l-forn.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Fil-kamra ż-żgħira fuq il-lemin kienu jżommu
a) l-ikel tal-bhejjem.
b) l-għodda tar-raba'.
ċ) il-bombli tal-fuħħar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Waħda mill-kmamar li jiftakar in-narratur hija l-kamra ... **taz-zijiet**.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

F'din il-kamra mill-ewwel kienet tolqtok ir-riħa ta' ___________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Mal-ħitan tal-kamra taz-zijiet kien hemm inkwatri u santi, _________________ kbir u xbieha tal-_________________ tal-Għar.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru erbgħa:**

Kif daħal fl-isqaq u kiser fuq ix-xellug, in-narratur ħa l-akbar qatgħa ta' ħajtu għ

____________.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru ħamsa:**

In-narratur ħassu ____________________.

*--------------- Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb ---------------*

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Qari tat-Tieni Silta.**

Wara għoxrin sena xtaqt nerġa' nara r-razzett, mibni f'xifer il-blat li jagħti fuq il-Wied tal-Isqof, fejn trabbiet ommi. Mort bil-mixi. Jien u sejjer ġibt quddiem għajnejja dan ir-razzett għażiż għalija. Fit-tarf tal-isqaq dejjaq bejn ħitan għoljin tas-sejjieħ, issib quddiemek xatba tal-injam magħluqa b'daqsxejn ta' ganġetta. Xatba bħal qisha tagħtik merħba u tistiednek taqbad u tidħol fil-bitħa tar-razzett.

Il-bitħa ċċangata biċ-ċagħaq; ċagħaq ileqq daqs kemm ħasluh u għorkuh. Iz-zijiet kienu jnaddfu ħafna. Fuq in-naħa tal-lemin, kif nidħol, nara l-bir. Fuq ix-xellug, kamra żgħira sewda bid-duħħan ta' ħafna snin, fejn iz-zija Karmni kienet tqabbad in-nar u ssajjar il-minestra bil-ful tarmi fwieħa ġġagħlek tilgħaq xufftejk.

Fuq il-lemin, kamra oħra żgħira, li tinżel għaliha minn żewġ tarġiet, fejn jinżammu l-għodod tar-raba'. Fuq ix-xellug kamra ikbar b'ħasira tal-qasab quddiem il-bieb. Hawn kienu jorqdu z-zijiet. Kif tidħol tolqtok mill-ewwel riħa ta' ndafa. Is-sodda mifruxa b'kutra magħmula minn suf ta' ħafna lwien, f'forma ta' kaxxi. Mal-ħitan inkwatri u santi, kurċifiss kbir u xbieha tal-Madonna tal-Għar, bi fjamma tiżfen f'tazza biż-żejt.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Kuntent b'dawn it-tifkiriet sbieħ f'moħħi dħalt fl-isqaq, fit-tarf, ksirt fuq ix-xell ... f'tarfu ħadt il-qatgħa ta' ħajti. Għax dak ir-razzett ħattewh u bnew dar moderna. Dar li setgħet inbniet fil-qalba tal-belt. Dar bil-bieb jissakkar tajjeb. Dar komda, bla dubju, imma, għedt f'qalbi, fejn marret il-ħajja sempliċi u sabiħa tal-imgħoddi?

Ħassejthom qishom qalgħuli qalbi minn sidri u rmewha.

*Din is-silta kienet adattata minn kitba ta' Kilin, li dehret fir-rivista* Sagħtar

**Issa se naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

In-narratur mar
a) sal-Buskett.
b) mixja ħdejn il-baħar.
ċ) jara r-razzett tal-familja tiegħu.

It-tweġiba t-tajba hija **ċ**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:

**In-narratur mar jara r-razzett tal-familja tiegħu.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

In-narratur wasal ir-razzett
a) bil-karozza.
b) bil-mixi.
ċ) bir-rota.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru tlieta:**

Ir-razzett kellu

a) xatba tal-injam magħluqa b’gang

b) bieb tal-ħadid.

ċ) kanċell iżaqżaq.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Il-bitħa kellha ċ-ċagħaq ileqq għax

a) ġabuh minn ħdejn il-baħar.

b) kien miżbugħ apposta.

ċ) iz-zijiet ħasluh u għorkuh ħafna.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

In-narratur jiftakar liz-zija Karmni ssajjar

a) il-minestra bil-ful.

b) l-ispagetti.

ċ) il-laħam bil-patata l-forn.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Fil-kamra ż-żgħira fuq il-lemin kienu jżommu

a) l-ikel tal-bhejjem.

b) l-għodda tar-raba’.

ċ) il-bombli tal-fuħħar.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt f’dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Numru wieħed:**

Waħda mill-kmamar li jiftakar in-narratur hija l-kamra ... **taz-zijiet**.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

F'din il-kamra mill-ewwel kienet tolqtok ir-riħa ta' ___________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Mal-ħitan tal-kamra taz-zijiet kien hemm inkwatri u santi, _________________ kbir u xbieha tal-_________________ tal-Għar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Kif daħal fl-isqaq u kiser fuq ix-xellug, in-narratur ħa l-akbar qatgħa ta' ħajtu għax ____________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

In-narratur ħassu ____________________.

--------------- *Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb* ---------------

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

**Saħħa!**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers